PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2007/0112(CNS)

19.2.2008

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar emenda għad-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

(COM(2007)0298 – C6-0196/2007 – 2007/0112(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Martine Roure

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija u korsiva.*** Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW 4

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI.....9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2003/109/KE biex testendi l-ambitu ta' l-applikazzjoni għall-beneficjarji ta' protezzjoni internazzjonali

(COM(2007)0298 – C6-0196/2007 – 2007/0112(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni (COM(2007)0298),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 63, punti 3 u 4 tat-Trattat tal-KE, li skond dan huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0196/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2008),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jimmodifika l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sostanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Emenda 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 1	Artikolu 1
Id-Direttiva 2003/109/KE hija emendata kif ġej:	Id-Direttiva 2003/109/KE hija emendata kif ġej:
1. Fl-Artikolu 2, il-punt ***(f) jinbidel b'dan li ġej:***	1. Fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt ***(f a) kif ġej:***
"f) 'protezzjoni internazzjonali':	"f **(a)** 'protezzjoni internazzjonali':

‘protezzjoni internazzjonali’ tfisser protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE;”	‘protezzjoni internazzjonali’ tfisser protezzjoni internazzjonali kif definita fl-Artikolu 2(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE;”

Or. fr

Emenda 2

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fl-Artikolu 4(2) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:	3. Fl-Artikolu 4(2) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:
“Fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, il-perjodu bejn id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hi pprezentata u d-data li fiha l-permess ta' residenza msemmi fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/83/KE jingħata għandu jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."	“Fir-rigward tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, il-perjodu bejn id-data li fiha l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hi ppreżentata, ***inkluż meta din l-ewwel talba hija talba temporanja ta' protezzjoni sakemm din tipprečedi l-aċċess għal protezzjoni internazzjonali,*** u d-data li fiha l-permess ta' residenza msemmi fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2004/83/KE jingħata għandu jitqies fil-kalkolu tal-perjodu msemmi fil-paragrafu 1."

Or. fr

Emenda 3

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 a
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 a. Fl-Artikolu 5(1) jiġi miżjud is-

subparagrafu li ġej:

"Il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali huma eżenti milli jissodisfaw kundizzjonijiet materjali minħabba s-sitwazzjoni vulnerabbli b'mod partikulari tagħhom u minħabba l--fatt li, f'bosta Stati Membri, huma għandhom aċċess limitat għax-xogħol."

Or. fr

Emenda 4

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 3 b
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 5 – paragrafu 2 – inċiż 1 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3 b Fl-Artikolu 5(2) jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:
	"Kundizzjonijiet għall-integrazzjoni nazzjonali ma jistgħux jiġu imposti fuq il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ħlief wara li jsir eżami individwali li jqis is-sitwazzjoni partikulari vulnerabbli tagħhom u b'deċiżjoni li trid tingħata r-raġunijiet għaliha, b'konformità ma' l-Artiklu 33 tad-Direttiva 2004/83/KE."

Or. fr

Emenda 5

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 6
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 12 – paragrafu 3 a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:	6. L-Artikolu 12 huwa emendat kif ġej:
a) Jidħol kif ġej il-paragrafu 3 *a*:	a) Jidħol kif ġej il-paragrafu 3 *a*:
"3a. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jkeċċi resident fit-tul li l-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4), għandu ***jikkonsulta*** l-Istat Membru ***msemmi fir-rimarka***.	"3a. Fejn Stat Membru jiddeċiedi li jkeċċi resident fit-tul li l-permess ta' residenza KE tar-residenti fit-tul fih ir-rimarka msemmija fl-Artikolu 8(4), għandu ***jikkuntattja*** lill-Istat Membru ***li ta l-protezzjoni internazzjonali sabiex jikkonferma l-istejtus tar-resident fit-tul***. ***L-Istat Membru li ta protezzjoni internazzjonali għandu jirrispondi bil-miktub lill-Istat li qed jagħmel it-talba f'mhux anqas minn xahar. Id-deċiżjoni ta' tkeċċija ma tistax tittieħed għajr wara t-tweġiba ta' l-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni internazzjonali.***
Sakemm *fil-frattemp ma kinitx* irtirata l-protezzjoni internazzjonali, ir-resident fit-tul għandu jitkeċċa lejn dan l-Istat Membru li għandu jdaħħal lura immedjatament mingħajr formalitajiet lir-resident fit-tul u l-membri tal-familja tiegħu/tagħha."	*Sakemm sadanittant ma tkunx ġiet* irtirata l-protezzjoni internazzjonali***, b'rispett għall-prinċipju ta' non-refoulement,*** ir-resident fit-tul ma jistax jitkeċċa ***ħlief*** lejn dan l-Istat Membru li għandu jdaħħal lura immedjatament mingħajr formalitajiet lir-resident fit-tul u *lill*-membri tal-familja tiegħu/tagħha."

Or. fr

Emenda 6

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 8
Id-Direttiva (KE) nru 109/2003
Artikolu 25 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fl-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:	8. Fl-Artikolu 25, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:
"L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt li jkunu responsabbli biex jibagħtu	"L-Istati Membri għandhom jaħtru punti ta' kuntatt li jkunu responsabbli biex jibagħtu u jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-

u jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(3a), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 23(1).”

Artikolu 12(3a), l-Artikolu 19(2), l-Artikolu 22(2) u l-Artikolu 23(1).”

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-lista tal-punti ta' kuntatt, taġġornaha regolarment u tibgħatha lill-Istati Membri.

Or. fr

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Id Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsil, tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istejtus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti fit-tul.

Fl-okkażjoni tal-Kunsill Ewropew ta' Tampere fl-1999, l-Istati Membri enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi garantit trattament ġust għal ċittadini ta' pajjiżi membri li jkunu residenti legali fl-Unjoni Ewropea. B'mod partikulari, għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkollu residenza fit-tul fi Stat Membru għandhom jiġu rikonoxxuti għadd ta' drittijiet uniformi li jkunu kemm jista' jkun simili għal dawk li huma rikonoxxuti għaċ-ċittadini ta' l-Unjoni Ewropea. [1]

Bħala segwitu għall-konklużjonijiet ta' Tampere, l-iskop tad-Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istejtus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti għal tul ta' żmien kien li jinħoloq stejtus uniformi għal dawn iċ-ċittadini u li jitqarrbu lejn xulxin il-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat trattament ġust fit-territorju Ewropew kollu, ikun liema jkun il-pajjiż ta' residenza[2].

Skond din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jirrikoxxu l-istejtus ta' resident fit-tul wara perjodu ta' ħames snin ta' residenza legali u bla interruzzjonijiet fi Stat Membru.

Sabiex jinkiseb l-istejtus ta' resident fit-tul iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jeħtieġ jipprovdi l-provi li huwa għandu, kemm għalih kif ukoll għall-familja tiegħu (jekk ikun risponsabbli għaliha):

- riżorsi stabbli u biżżejjed biex jipprovdi għall-bżonnijiet tiegħu mingħajr ma jirrikorri għas-sistema ta' għajnuna soċjali ta' l-Istat Membru;
- assigurazzjoni tal-mard.

L-Istati Membri jistgħu jeżiġu li ċittadini ta' pajjiżi terzi jissodisfaw kundizzjonijiet oħrajn rigward integrazzjoni (bħal pereżempju, għarfien tajjeb u adegwat tal-lingwa nazzjonali). Huma jistgħu jirrifjutaw li jagħtu l-istejtus għal raġunijiet ta' ordni pubblika jew ta' sigurtà nazzjonali.

Wara li jinkiseb l-istejtus ta' resident fit-tul, il-persuna konċernata jkollha dritt għal għadd ta' benefiċċji bl-istess kundizzjonijiet taċ-ċittadini ta' l-Istat Membru, b'mod partikulari rigward aċċess għax-xogħol, għall-edukazzjoni u għat-taħriġ professjonali, kif ukoll rigward protezzjoni soċjali u aċċess għat-territorju kollu ta' l-Istat Membru konċernat.

Ir-resident fit-tul jista' jeżerċita dritt ta' residenza fi Stat Membru differenti minn dak li tah l-istejtus, għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur, waqt li jiġu rispettati ċertu kundizzjonijiet stabbiliti mill-proposta, bħall-eżerċitar ta' attività ekonomika, l-istudju jew it-taħriġ.

Madankollu l-Istati Membri jistgħu jillimitaw in-numru ta' permessi ta' residenza. Fl-istess ħin, f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika tas-suq tax-xogħol, għandhom id-dritt li jagħtu

[1] punt 21 tal-konklużjonijiet ta' Tampere

preferenza liċ-ċittadini ta' l-Unjoni.

Min ikollu stejtus ta' resident fit-tul ikun protett b'mod imsaħħaħ fir-rigward ta' kull deċiżjoni ta' tkeċċija. L-imġiba li tiġġustifika deċiżjoni ta' tkeċċija għandha tkun theddida attwali u gravi biżżejjed għall-ordni pubbliku jew is-sigurtà pubblika. L-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jqisu elementi speċifiċi qabel ma jieħdu deċiżjoni ta' tkeċċija kontra xi ħadd li jkun residenti fit-tul (età tal-persuna, tul tar-residenza...).

2. Estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali

Id-Direttiva 2003/109/KE tapplika għal kull min ikun ġej minn pajjiż terz u li joqgħod legalment fit-territorju ta' Stat Membru.

Madankollu, ir-refuġjati u l-persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja jew sussidjarja kienu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Kunsill fil-mument ta' l-adozzjoni tagħha. Ir-raġuni mogħtija kienet il-prekarjetà tas-sitwazzjoni tagħhom jew il-qosor tar-residenza tagħhom.

Għaldaqstant, il-proposta mressqa fl-2001 mill-Kummissjoni, meta oriġinat id-direttiva, kienet tipprevedi li r-refuġjati se jkunu jistgħu jgawdu minn stejtus ta' resident fit-tul. Il-Parlament Ewropew ukoll kien appoġġja din il-pożizzjoni.

Madankollu, fi stqarrija konġunta tat-8 ta' Mejju 2003, il-Kunsill u l-Kummissjoni, konxji ta' dan in-nuqqas, urew ix-xewqa li d-direttiva tiġi estiża biex tkopri lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Din il-proposta għandha għalhekk l-għan li din l-istqarrija tiġi implimentata billi l-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsill.

3. Pożizzjoni tar-rapporteur

Ir-rapporteur tappoġġja din il-proposta li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva dwar l-istejtus ta' residenti fit-tul għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Madankollu jiddispjaċiha li l-Kunsill ippriveleġġja lil din l-għażla minflok dik li tipprevedi mekkaniżmu Komunitarju dwar it-trasferiment ta' responsabilità f'dak li jirrigwarda l-protezzjoni.

Id-Direttiva tagħti id-dritt li ta' stabbiliment fi Stat Membru ieħor, taħt ċertu kundizzjonijiet, lir-residenti fit-tul biss u mhux lill-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali innifishom. Minkejja li r-residenza fi Stat Membru ieħor tista' tirriżulta, f'xi każijiet, fi trasferiment tar-responsabilità għall-protezzjoni minn mument għall-ieħor, din il-kwistjoni ma tidħolx fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Dan jimplika li t-talbiet għal trasferiment ta' responsabilità f'dak li jikkonċerna l-protezzjoni jibqgħu regolati mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 u, skond il-każ, mill-Ftehim Ewropew dwar it-trasferiment tar-responsabilità tar-

refuġjati konklużjonijiet fil-qafas tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

Mekkaniżmu Komunitarju dwar it-trasferiment ta' protezzjoni jimplika r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-ażil u livell suffiċjenti ta' armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' ażil ta' l-Istati Membri. Għalkemm dan mhux il-każ bħalissa.

Ir-rapporteur għalhekk tqis li l-estensjoni tad-Direttiva 2003/109/KE hija miżura temporanja sakemm titressaq proposta ġdida li tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku u t-trasferiment ta' responsabilità f'dak li jikkonċerna l-protezzjoni internazzjonali. Dan se jippermetti li titqies is-sitwazzjoni partikulari tar-refuġjati u li jingħatalhom d-dritt ta' ċirkolazzjoni u ta' stabbiliment fl-UE minn meta jiġi rikonoxxut l-istejtus tagħhom.

Ir-rapporteur taqbel ma' l-opinjoni tal-Kummissjoni li din id-Direttiva għandha imperattivament tiġi applikata kemm għar-refuġjati u kemm għall-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja. Fil-fatt, peress li l-protezzjoni sussidjarja tikkonċerna dejjem iżjed lill-persuni li għandhom bżonn protezzjoni internazzjoni, se jkun inaċċettabli li jiġi eskluż numru daqshekk kbir ta' persuni mid-drittijiet mogħtija mid-Direttiva 2003/109/KE. Barra minn hekk, il-konklużjonijiet tas-*Summit* ta' Tampere u l-*Green Paper* dwar is-Sistema ta' Ażil Komuni Ewropea tal-ġejjieni jipprevedu li tinħoloq proċedura ta' ażil komuni u li jiġi introdott stejtus uniformi applikabbli għat-territorju kollu ta' l-UE. Dan hu bbażat fuq ir-rieda li l-Unjoni ssir spazju ta' protezzjoni uniku għar-refuġjati. Għaldaqstant, l-introduzzjoni f'dan l-istrument ta' distinzjoni bejn id-drittijiet tar-refuġjati u d-drittijiet tal-benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja m'hijiex koerenti ma' dawn l-objettivi. Fl-aħħar nett, il-kriterju prinċipali biex jinkiseb l-istejtus ta' resident fit-tul huwa t-tul tar-residenza fit-territorju ta' l-Istat Membru u mhux l-istejtus tal-persuna kkonċernata.

Ir-rapporteur tinsisti wkoll biex il-proċedura ta' eżami tingħadd fil-kalkolu tal-ħames snin ta' residenza qabel it-talba għal stejtus ta' resident fit-tul. Fil-fatt, l-istejtus legali ta' persuna li jgawdi minn protezzjoni internazzjonali jibda mill-mument ta' l-ewwel talba tagħha. Ir-rikonoxximent ta' l-istejtus jikkonferma dan il-perjodu preliminari ta' residenza legali. Barra minn hekk, il-proċedura ta' eżami tista' tieħu fit-tul skond l-Istati Membri, peress li l-persuna li tgawdi minn protezzjoni internazzjonali tibda l-proċess ta' integrazzjoni tagħha fil-pajjiż li laqagħha fil-bidu tal-proċedura. Ir-rapporteur iżżid li, f'ċertu każi, qabel ma wieħed ikollu aċċess għal talba ta' protezzjoni internazzjonali, diversi persuni jagħmlu talba inizjali għal protezzjoni temporanja. Peress li din il-protezzjoni temporanja twassal għal protezzjoni internazzjonali, trid tingħadd ukoll meta jiġi kkalkulat d-dewmien tal-proċedura.

Ir-rapporteur tixtieq li ssir eċċezzjoni għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali mill-kundizzjonijiet materjali (riżorsi stabbli u regolari u assigurazzjoni mill-mard) biex jingħata l-istejtus ta' resident fit-tul sabiex tkun ikkunsidrata n-natura vulnerabbli tas-sitwazzjoni tagħhom. Għaldaqstant ikun iktar inkoerenti li tiġi imposta fuqhom kundizzjoni ta' riżorsi minimi meta wieħed iqis li l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/9/KE tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil tippermetti li l-Istati Membri jillimitaw l-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol waqt perjodu li jilħaq it-12-il xahar wara d-data li jressqu t-talba tagħhom għall-protezzjoni.

Ir-rapporteur tixtieq li l-kriterji nazzjonali ta' integrazzjoni li jistgħu jiġu pprattikati mill-Istati Membri jiġu sorveljati aktar mill-qrib biex titqies l-ispeċifiċità tal-qagħda ta' dawk li jgawdu

minn protezzjoni internazzjonali. Il-kriterji ta' konoxxenza lingwistika jew kulturali ma jistgħux jiġu applikati bl-istess mod għar-refuġjati minħabba l-istejtus partikulari tagħhom. Barra minn hekk, dawn il-kriterji għandhom jikkonformaw mal-kriterji ta' integrazzjoni previsti mid-Direttiva 2004/83/KE.

Meta wieħed iqis li m'hemmx il-possibilità li tiġi ttrasferita r-responsabilità fil-qasam ta' protezzjoni internazzjonali lejn it-tieni Stat Membru, huwa kruċjali li jiġi assigurat li l-prinċipju ta' *non-refoulement* jiġi rispettat mit-tieni Stat Membru. Dan il-punt jieħu importanza aktar kbira meta benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonal jingħatalu l-istejtus ta' resident fit-tul f'tieni Stat Membru wara ħames snin ta' residenza f'dan ta' l-aħħar.

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Artikolu 8 tad-Direttiva jipprevedi li l-informazzjoni għandha tissemma fil-permess ta' residenza fit-tul mogħti mill-ewwel Stat Membru. Madankollu, fil-każ ta' tkeċċija, kull ma hu mbassar hi konsultazzjoni sempliċi ta' l-Istat Membru li ta l-protezzjoni internazzjonali. Hemm bżonn li dan il-mekkaniżmu jissaħħaħ sabiex jiġi garantit il-prinċipju ta' *non-refoulement.* Għalhekk, ir-rapporteur qed tipproponi li l-awtoritajiet tat-tieni Stat Membru jintrabtu li jistennew it-tweġiba bil-miktub ta' l-ewwel Stat sabiex jiġi garantit li l-persuna ma tinbagħatx lura f'pajjiż li fih tinsab mhedda. Jekk dan l-Istat Membru jikkonferma li l-persuna għadha benefiċjarja ta' protezzjoni internazzjonali, it-tkeċċija mit-tieni Stat Membru hi possibbli biss lejn l-Istat Membru li oriġinarjament ikun ta l-protezzjoni lill-persuna konċernata.